ŻABBAR
Città Hompesch

**Minuti tat-357 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar**
**It-Tnejn, 13 ta' Lulju, 2009**

Il-laqgħa bdiet fis-6.20 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku s-Sur Domenic Agius ippresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Domenic Agius, l-Viċi-Sindku s-Sur John Pace, is-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur Mark Grech, is-Sur Keith Pisani, is-Sur Robert Buhagiar, is-Sur Frans Catania u s-Sinjura Anna Calleja.

Il-Kunsillier is-Sur Joe Bonnici daħal għal-laqgħa fis-6.45 ta' filgħaxija minħabba li kien fuq xogħol ieħor tal-Kunsill.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Grech, il-minuti tal-laqgħa preċedenti ġew approvati unanimament mill-Kunsill.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet Oħra tal-Minuti

Ma kienx hemm mistoqsijiet u affarijiet oħra mill-minuti.

Item 4 – Korrispondenza

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sindku ta' Eschborn s-Sur Wilhelm Speckhardt u s-Sinjura Angelika Odenwald fejn bagħtu l-awguri tagħhom filwaqt li nfurmaw lill-Kunsill illi d-delegazzjoni ġermaniza kienet ġejja għaċ-ċelebrazzjoni tal-festa tal-Madonna tal-Grazzja li ser issir f'Ħaż-Żabbar bejn il-11 u 14 ta' Settembru, 2009. Il-Kunsill ġie infurmat ukoll li matul dawn iċ-ċelebrazzjonijiet l-eks Kunsillier s-Sur Anthony Farrugia kien ser jiġi mogħti onorifiċenza mill-*Foundation for European Merit* għall-ħidma tiegħu biex tinzamm ħajja l-ħbiberija bejn iż-żewġt ibliet u ż-żewġ pajjizi.

Inqrat korrispondenza mibgħuta miid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar in-nuqqas ta' attendenza għal-laqgħat tal-Kunsill preċedenti mill-Kunsillier Mark Grech. Il-Kunsill ġie nfurmat illi t-talba sabiex il-post tas-Sur Grech ma jiġix dikjarat vakanti kienet ġiet milqugħa.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern dwar il-proċess ta' medjazzjoni fejn min ikollu kwistjoni legali jkun jista' jsolviha b'toroq irħas u aktar veloċi.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mid-Direttur ta' St James Hospital Group dwar il-mizuri temporanji li qed jieħu l-isptar biex jiġi evitat li tinxtered is-*Swine Flu*.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Daniela Spiteri Ko-Ordinattriċi tal-Fondazzjoni OASI dwar in-nominazzjoni għall-premju iż-Żagħżugħ tas-Sena 2009. Il-Kunsill ġie mitlub jinnomina żagħżugh li jaħdem fil-qasam tal-volontarjat. Is-sottomissjonijiet għandhom isiru sa mhux aktar tard minn nhar l-Erbgħa, 12 ta' Awwissu, 2009.

Is-Sur John J Pace ippropona li bħalma jsir kull sena il-Kunsill itella' erba' serati ta' kant, żfin u divertiment ieħor bit-tema Żabbar Fest. I-Sur Pace ippropona li din is-sena dawn l-attivitajiet isiru fis-7, 14, 21, u 28 ta' Awwissu. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Catania, il-Kunsill qabel unanimament li jinħareġ avviz pubbliku biex jingħataw stimi biex jittelgħu dawn is-serati liema spiża m'għandhiex teċċedi l-prezz ta' €700 għal kull attivita'.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Membru Parlamentari Laburista l-Onorevoli Dr Michael Falzon fejn offra li jiltaqa mas-Sindku u l-Kunsillieri kollha tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Pace, il-Kunsill qabel unanimament li jiltaqa' ma' Dr Falzon nhar l-Erbgħa, 29 ta' Lulju 2009 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Għaqda Madonna tal-Grazzja, Banda San Mikiel fejn irringrazzjaw lis-Sindku u l-Kunsilliera kollha li servew matul il-leġislatura li ntemmet għall-ħidma tagħhom u ferħu lill-Kunsillieri li ġew eletti filwaqt li awgurawlom kull suċċess fil-ħidma tagħhom. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill qabel li tintbgħat ittra ta' ringrazzjament lil din l-Għaqda.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Membru Parlamentari l-Onorevoli Carmelo Abela rigward mistoqsija parlamentari li għamel dwar *loading/unloading bay* li tneħħiet mill-ADT u li kienet fi Sqaq Numru 1, Pjazza San Ġakbu, Żabbar.

<u>Item 5 – Xogħol tal-Kunsill</u>

<u>Approvazzjoni ta' Finanzi</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill is-*schedule of payments* għall-perjodu ta' bejn is-6 ta' Ġunju, 2009 u t-13 ta' Lulju, 2009 li kien jammonta għal €48,974.73. Dan ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Pisani.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ukoll quddiem il-Kunsill il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Ġunju 2009 li kien jammonta għal €120.55. Dan ukoll ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntratt li l-Kunsill għandu għas-servizz ta' tindif, manutenżjoni, żamma u tisbieħ ta' *parks*, ġonna pubbliċi p*laying fields* f'Ħaż-Żabbar kien ser jagħlaq u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx dan il-kuntratt għal sena oħra jew jekk għandhiex tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li dan il-kuntratt ma jiġix imġedded għal sena addizzjonali u li ma tinħariġx sejħa oħra. Dan peress illi l-Kunsill ser jagħmel uzu mill-ħaddiema li se jiġu assenjati lilu taħt il-*Community Work Scheme*.

<u>Twaqqif ta' Sotto Kumitati</u>

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jitwaqqfu dawn is-Sotto Kumitati:

Sotto Kumitat għall-Infrastruttura
Chairman : Domenic Agius

Sotto Kumitat għall-Ippjanar u għall-Finanzjament minn Programmi tal-Unjoni Ewropeja
Chairman : Keith Pisani, Viċi-Chairman : Mark Grech

Sotto Kumitat għall-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Sport
Chairman : Robert Buhagiar, Viċi-Chairman : Keith Pisani

Sotto Kumitat għall-Anzjani
Chairman : Joseph Buttigieg, Viċi-Chairman : Joyce Vella

Sotto Kumitat għan-Nisa u Tfal
Chairman : Anna Calleja

Sotto Kumitat għall-Qasam Soċjali
Chairman : Keith Pisani, Viċi-Chairman : Robert Buhagiar

Sotto Kumitat għall-Immaniġġjar tat-Traffiku u Trasport Pubbliku
Chairman : Mark Grech, Viċi-Chairman : Frans Catania

Sotto Kumitat għas-Saħħa
Chairman : John J Pace

Sotto Kumitat għall-Kultura u Wirt Storiku
Chairman : John J Pace, Viċi-Chairman : Robert Buhagiar

Sotto Kumitat għall-Indafa Pubblika

Chairman : Joseph Bonnici, Viċi-Chairman : Mark Grech

Sotto Kumitat għall-Ġemellaġġi u Skambji
Chairman : Joseph Bonnici, Viċi-Chairman : Anthony Farrugia

Sotto Kumitat għall-Ambjent
Chairman : Frans Catania, Viċi-Chairman : Joseph Bonnici

Item 6 – Affarijiet Oħra

Is-Sur Pace qal li kienet saret stedina biex issir attivita' kulturali mtella' mill-Kunsill f'Bay Street, San Ġiljan nhar it-28 ta' Awwissu 2009. Fuq proposta tas-Sur Pace li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsill jtella' din l-attivita'.

Is-Sur Pace qal li fi Triq Wied il-Għajn kien hemm *garage* vojt li kien qed iservi biex fih jintefa' ammont ta' skart.

Is-Sur Grech semma l-problema ta' ħsarat fis-servizzi ta' l-ilma li qed ikun hemm ta' spiss fil-parti t'isfel ta' Triq il-Kunvent u talab li jinstab rimedju għal din il-problema.

Is-Sinjura Calleja nfurmat lill-Kunsill li kellha talba minn resident li joqgħod fir-residenza 43 Triq il-Kappuċċini sabiex issir *road hump* quddiem ir-residenza tiegħu. Is-Sindku qal li l-Kunsill għad irid jiddeċiedi dwar jekk għandhomx isiru *road humps* ġodda.

Is-Sinjura Calleja semmiet il-bżonn li ssir *zebra crossing* fi Triq il-Kunvent. Hija talbet ukoll biex bozza li hemm fi Triq l-Iskola ma' Triq Qalb l-Imqaddsa tinbidel jew li jiġi mtejjeb il-vultaġġ tagħha.

Is-Sur Catania talab lill-Kunsill jikteb lill-Perit Silvio Farrugia dwar il-bankini li saru fi Triq San Ġużepp minħabba li huma ta' periklu biex timxi fuqhom. Huwa talab ukoll li jsir *traffic management* għal Triq il-Bur, Triq il-Magħsar u t-toroq ta' din iż-żona.

Is-Sur Buttigieg talab biex siġra li hemm ħdejn iz-zuntier tal-knisja fi Triq is-Santwarju titressaq fil-ġenb biex ikun hemm wisa' fuq il-bankina. Huwa qal ukoll li ħdejn kaxxa tat-telefon li hemm fi Triq Agius Muscat hemm ħofra li jeħtieġ tingħalaq.

Is-Sur Buhagiar qal li fi Triq San Lawrenz is-sewwieqa kienu qed jipparkjaw il-vetturi tagħhom b'mod dizorganizzat u għalhekk jeħtieġ isir xi ħaġa biex ikun hemm ordni fl-ipparkjar.

Is-Sindku semma l-bżonn li tiġi rranġata katusa mkissra li minn Triq il-Vittorja tagħti għal Triq l-Inkurunazzjoni.

Il-laqgħa spiċċat fis-8.15 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fit-358 laqgħa li saret nhar l-Erbgħa, 5 ta’ Awwissu 2009.

Domenic Agius
Sindku